# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ħamis, 2 ta' Lulju, 2020**

**Numru 7**

**Rikors Numru 391/20TA**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 46/2020 fl-ismijiet:-**

**Francis Zarb [K.I. 209172(M)]**

**vs**

**Charles Bugeja [K.I. 59958 (M)]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Charles Bugeja tal-5 ta' Ġunju 2020;

Rat in-nota ta' Francis Zarb tad-19 ta' Ġunju, 2020;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2020;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għal digriet.

**Ikkunsidrat**

Ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru qed tintalab mir-rikorrent abbażi tas-subinċiżi (c) u (e) tal-artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dawn iż-żewg artikoli jitrattaw it-tnejn li huma l-għotja ta' garanzija tajba mill-esekutat biex jitneħħa mandat kawtelatorju, f'dan il-każ sekwestru. Taħt is-subinċiż (c ) il-garanzija trid tkun xierqa mentri taħt is-subinċiż (e) trid titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed. Dan ifisser, li fil-waqt taħt l-ewwel subinċiż l-eżami huwa wieħed kwalitattiv, it-tieni wieħed huwa kwantitattiv. Il-Qrati tagħna mhux l-ewwel darba li kkunsidrawhom b'mod kontestwali.

Il-Qrati tagħna jgħallmu li l-Qorti trid tkun sodisfatta li hemm garanzija oħra li tista' tassigura l-pretensjoni dovuta. (Ara **Mabrouk Limited vs Joseph Ciantar, P.A. (JZM) deċiża fl-10 ta' Jannar 2013**). Il-garanzija li qed tkun offerta mir-rikorrent hija dgħajsa li ġiet għandu permezz ta' tpartit kif miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt tal-15 ta' Settembru 2017. Din id-dgħajsa illum tinsab fil-pussess tar-rikorrent u intestata f'ismu u dan kif jirriżulta mill-Bill of Sale datat 2 ta' Lulju 2018 (a' fol 23 ). Dan ifisser kważi ben sena wara li sar il-ftehim bejn il-partijiet (Dok CB1 a' fol 9).

Ai fini taż-żewġ subinċiżi fuq tal-artikolu 863 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta ir-rikorrent qiegħed jistrieħ fuq klawsola 4.1 tal-ftehim tal-15 ta' Settembru 2017. Jidher li l-partijiet kellhom f'moħħhom li din id-dgħajsa sservi ta'

garanzija għas-servizzi li kellu jirrendi r-rikorrent lill-intimat. B'dana kollu, biex opra tal-baħar isservi ta' garanzija trid bħal immobbli, tkun kolpita minn xi xorta ta' ipoteka f'dan il-każ, navali. Di fatti dan jemerġi ċar minn artikli 37A u 38 tal-Kap 234 tal-liġijiet ta' Malta. Minn eżami tal-"bill of sale" tad-dgħajsa inkwistjoni, ma jirrisultax li din l-opra hija kolpita minn xi ipoteka navali bħala garanzija għax-xogħolijiet li għandu jippresta r-rikorrent fit-termini tal-ftehim li kien hemm bejniethom.

Forsi wieħed jista' jirrimprovera lill-partijiet, li meta sar it-trasferiment inkwistjoni, messhom ħasbu għal dak li jidher li riedu fil-ftehim fuq imsemmi. Anke r-rikorrent kellu interess li jirreġistra dan, propju biex ikun f'posizzjoni jgħid li ai fini tal-liġi diġa' tesisti garanzija tajba. Imma dan ma sarx. In-nuqqas tal-intimat ma insistix għal dan, ma tpoġġihx f'posizzjoni li għaliex ma ġiet reġistrata ebda ipoteka navali allura għandu jikkuntenta bi klawsola 4(1) tal-ftehim. Din waħedha, mingħajr ma saru l-formalitajiet tal-ligi, ma tikkostitwixxix garanzija xierqa kif trid il-liġi.

Jekk din il-Qorti ma hiex sodisfatta li ma hemmx garanzija xierqa fit-termini tas-subinċiż (ċ), isegwi li ma tistax tgħid li l-garanzija mogħtija hija jew ma hiex biżżejjed fit-termini tas-subinċiż (e). Biex tkun tista' tagħmel dan, irid l-ewwel ikun hemm garanzija. Kif ingħad aktar 'l fuq, fil-każ tad-dgħajsa inkwistjoni, din ma tikkwalifikax bħala garanzija bis-saħħa biss ta' klawsola 4 (1) tal-ftehim fuq imsemmi ai fini ta' dawm il-proċeduri.

Garanzija fin-natura ġuridika tagħha trid toffri ċ-ċertezza tal-qbid u/jew il-bejgħ tal-ħaġa mill-kreditur mingħajr il-kunsens tad-debitur, fl-eventwalita' li tal-aħħar ikun inadempjenti fl-obbligi tiegħu. Jekk garanzija ma toffrix dawn il-kwalitajiet, allura x'garanzija hi? F'dan il-każ, din ix-xorta ta' garanzija ma tesistix u hija din ix-xorta' ta' garanzija li jidher li ried il-leġislatur fis-subinċiżi msemmija dejjem ai fini ta' dawn il-proċeduri

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha tiċħad it-talbiet ta' Charles Bugeja fir-rikors tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2020.

Spejjes ta' din il-proċedura a' karigu ta' Charles Bugeja.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**